MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Numru 445/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Mark Scerri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mark Scerri ta’ 27 sena iben Joseph u Maria Rosaria nee’ Thomas mwieled Pieta fl-1 ta’ April 1977 u residenti ‘Redentur’ Triq il-Qaliet Marsascala, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 178977(M).

Akkuzat talli

1. nhar il-Ġimgħa 4 ta’ Ġunju 2004 minn ġewwa l-ħanut ta’ Bonnici Textiles Ltd magħruf ukoll bħala Mitħna, li jinsab ġewwa Naxxar Road B’Kara għall-ħabta tas-sagħtejn ta’ wara nofsinhar kommetta serq ta’ ammont ta’ flus li jeċċedi il-mitt lira Maltin iżda inqas minn elf lira Maltin u dan għad-dannu tal-kumpanija Bonniċi Textiles, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-mezz.

2. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu tal-kumpanija Bonnici Textiles liema ħsara ma teċċedix il-ħamsina lira Maltija.

3. U iktar talli fit-8 ta’ Marzu 2004 minn ġewwa France Motor Service Petrol Station li tinsab ġewwa Żabbar Road Fgura għall-ħabta tas-siegħa ta’ wara nofsinhar, kkommetta serq ta’ ammont ta’ flus li jeċċedi il-mitt lira Maltin iżda inqas minn elf lira Maltin għad-dannu ta’ Louis Mizzi, liema serq hu aggravate bil-valur.

4. U finalment talli kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 152 9llum Artikolu 7 tal-Kap 446) b’sentenzi datati 18 ta’ Lulju 2002 u 25 ta’ April 2003 rispettivament u kif ukoll il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Artikolu 22 tal-Kap 446) b’sentenza datata 27 ta’ Novembru 2001, fejn hu kien ġie misjub ħati ta’ reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet, sentejn u tliet snin rispettivament.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta’ l-imputat (fol 4); iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat li jġib in-numru 1789 tas-sena 1977; ir-risposta ta’ l-imputat li mhux hati magħmula fil-5 ta’ Gunju 2004; il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji u l-kunsens ta’ l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji; l-istqarrija magħmula mill-imputat (fol 18 et) u zewg ritratti li kienu ttiehdu tal-vettura Toyota HAB – 019; il-konferma tal-ħatriet mill-Qorti ta’ l-esperti nominati fl-inkjesta (fol 41); il-proces verbal bit-titlu ‘Serq bi sgass minn Bonnici Textiles, Naxxar Road B’Kara rrapurtat fl-4 ta’ Gunju 2004’; is-sentenza a fol 98 tal-process fl-ismijiet ‘Spettur Sandro Gatt vs Mark Scerri’; l-ammissjoni magħmula mill-imputat għall-imputazzjonijiet numri 1, 2 u 3 kif dedotti kontrieh mill-pulizija ezekuttiva kif wkoll is-sottomissjoni tad-difiza li t-tieni akkuza hija kompriza u involuta u għandha tigi assorbita fiz-zewg imputazzjonijiet l-ohrajn (fol 100); rat ukoll is-sentenza mogħtija fit-18 ta’ Lulju 2002 fl-ismijiet ‘ Pulizija (Spettur Carlo Ellul) vs Mark Scerri’ kif wkoll illi fil-verbal tal-11 ta’ Gunju 2008, il-kawza kienet imhollija għas-sentenza. Id-difiża eżentat lill-

prosekuzzjoni milli ttella’ xhieda ta’ l-identita’ tas-sentenzi pprezentati (fol 100).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Illi jirriżulta skond l-Ispettur Yvette Farrugia, l-imputat Mark Scerri kien qalilha li kien hu li wettaq is-serqa gewwa Naxxar Road B’Kara mill-istabbiliment magħruf bhala ‘Il-Mithna’ (fol 14). Mill-istqarrija ta’ l-imputat jirrizulta illi l-imputat mar jisraq minn Bonnici Textiles magħruf bhala il-Mithna gewwa Naxxar Road B’Kara (fol 18). Fl-istess stqarrija a fol 19 hu ammetta wkoll li kien daħal fil-pompa magħrufa bħala Ta’ Frenc gewwa Zabbar Road il-Fgura. Sab il-cash register imbexxaq u ha Lm150 minnhoma. Huwa uża dawn il-flus biex iħallas xi dejn li kellu.

Xehed PS 171 Karl Glanville li pprezenta xi ritratti tat-Toyota HAD 019 meħuda fil-kwartieri tal-pulizija fuq struzzjonijiet ta’ l-ispettur Farrugia.

Xehed ukoll Louis Mizzi li huwa wieħed mid-diretturi ta’ Frans Motor Service Petrol Station gewwa Zabbar Road il-Fgura u qal li kien sab madwar LM140 fi flus neqsin. Dan qal li ma kellu xejn kontra l-imputat u kien lest li jahfirlu.

Xehed ukoll George Cilia li huwa office administrator ma Bonnici Textiles B’Kara u hu kkonferma illi kien hemm il-bieb tan-naħa ta’ quddiem miftuh. Kollega daħal jittawwal

biex jara x'ġara u sabet persuna li dak il-hin malli raha telaq jigri 'l barra. Huma sabu l-bieb sgassat. Huwa qal li aktarx kien hemm 'l fuq minn LM200 li nsterqu pero għall-kumpanija kien kaz magħluq għaliex ma riedux li jittieħdu passi legali kontra l-persuna konċernata. Dwar il-ħsarat dawn aktarx kienu Lm50 jew inqas (fol 91).

Stante l-ammissjoni ta' l-imputat għall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, dawn gew ppruvati skond il-ligi.

Dwar l-aħħar imputazzjoni kienu ppreżentati sentenzi tat-18 ta' Lulju 2002 illi din kienet ksur ta' probation li kellha zmien tliet snin kif wkoll is-sentenza tal-25 ta' April 2003 illi kienet liberazzjoni b'kundizzjoni. Iż-żminijiet mogħtija f'dawn is-sentenzi kienu għadhom ma ddekkorrewx.

Il-Qorti tinnota illi d-derubati t-tnejn ma kellhomx interess li jipproċedu kontra l-imputat, iżda minkejja dan, il-proċeduri jridu jibqgħu sejrin.

Is-sentenza datata 18 ta' Lulju 2002 ma tidhirx illi qegħda fil-proċess.

Il-Qorti wara li qieset l-ammissjoni ta' l-imputat għall-ewwel tliet imputazzjonijiet u għal hekk dawn huma awtomatikament ppruvati skond il-liġi, kif wkoll wara li qieset id-dokumenti ppreżentati mill-prosekuzzjoni dwar l-aħħar imputazzjoni, ssib lill-imputat hati ta' l-erba' imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17 (b), 17 (h), 261(b)(c), 263, 267, 278(2), 291(g) tal-Kap 9 u 23(1)(a) tal-Kap 446 qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti qieset li d-derubati ħafru lill-imputat u fi stadju tard ammetta l-ewwel tliet imputazzjonijiet. Min-naħa l-oħra l-imputat diga' ngħata erba' ċansijiet – bejn Probations u liberta' kundizzjonata – u qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' sena u għall-ħlas ta' 466 Euro (Lm200), liema multa tista titħallas b'rati ta' 50 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien 4 ġimgħat millum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euro mhux imħallsa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------